19002

# Editorjal

Kull xirka jeħtiġilha, minn żmien għal żmien, iddur dawra magħha nfisha ħalli tara hijiex tabilħaqq taqdi l-ħsieb li għalih inġabret flimkien. Għax iż-żminijiet jinbidlu u aħna nitħarrku magħhom. 'Tempora mutantur et nos mutamur in illis' jgħallem it-tiġrib tal-ħajja sa mill-eqdem żmien.

Malta rat tqanqila liema bħalha meta t-Tabib Filippo Sceberras sejjaħ Assemblea Nazzjonali fl-1919 fil-'La Giovine Malta', il-Belt, sabiex il-Maltin ifasslu proġett ta' Awtonomija. Din seħħet fl-1921. Kien żmien muftieħ għall-istorja ta' Malta.

Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel president tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kellu sehem kbir fil-mixja tal-ġrajjiet ta' dik l-Assemblea Nazzjonali. B'għaqlu u b'ħiltu, għaddiet tiegħu fejn jorbot l-ilsien Malti, fi żmien bikri meta l-Malti kien għadu barrani għal kollox fil-ħajja Maltija. Kellu jgħaddi qrib nofs seklu sabiex fl-1964 Malta Indipendenti tagħraf il-Malti bħala l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta.

Fl-1920 twieldet Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum nafuha bħala L-Akkademja tal-Malti. Minn dak in-nhar sal-lum, bit-tiela' u bin-nieżel, ix-xirka baqgħet tgħix. U ħadd ma jista' jiċħad li, għalkemm sa l-1939 il-Għaqda sabet min jinbixha, kif tgħallem l-istorja, madankollu, kemm bis-sabar u kemm bil-għaqal ta' min kellu f'idejh it-tmexxija tal-Għaqda fl-imgħoddi mal-mixja tas-snin, l-Akkademja tal-Malti rnexxielha tagħmel il-ġid u tgawdi rispett.

LXXIII 1999

# IL-MALTI

*Bord Editorjali:*
*Editur:*
Is-Sur Achille Mizzi
President

*Membri:*
Is-Sur Carmel Azzopardi M.A.
Is-Sur Joseph Borg B.A.
Dr Charles Briffa Ph.D.
Is-Sur Charles Coleiro

© *Copyright*
Akkademja tal-Malti

*Il-Qoxra:*
Disinn ta' xebba ta' razza sewda.

Willie Apap (1918-1970)
*Ħajr lill-Kuratur tal-Mużew ta' l-Arti*

Disinn mill-Koperattiva Outlook, 1999.
Mitbugħ mill-University Press, 1999.

Ir-rispett ma jiġix waħdu. Trid taħdem għalih. Il-fatti ta' l-istorja jgħallmuna li, ikollhom għaqal u ħeġġa kemm ikollhom imsieħbin ta' xirka letterarja, il-ħajja tal-lum f'Malta tfakkarna li membri ta' xirka, aktar u aktar xirka kulturali, jeħtieġ ikollhom f'idejhom il-għodda sabiex jaslu għal dak li jiġborhom flimkien.

Mhux għajb, jewwilla, li gvernijiet barranin iwennsu u jżommu ħajjin istituti kulturali ġewwa Malta meta ebda gvern Malti mill-1964 sal-lum għadu ma ħaseb ħalli Malta jkollha 'Dar il-Malti' fejn il-kultura Maltija tixxettel, tissaħħaħ, tikber u tixtered? Ix-xirkiet letterarji tal-Malti jistħoqqilhom isibu min inewlilhom dik ir-rifda ta' spalla li tissarraf f'għajnuna serja u konkreta. Tibqa' mnixxef kif f'dil-gżira – nazzjon li fl-Estmi ta' sena waħda jisboq nefqa ta' Lm650 miljun, għad ma wasalniex ħalli naraw tieqaf fuq saqajha 'Dar il-Malti'!

Għadda żmien biżżejjed mill-1964 sabiex dak li trodd il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, Malta troddu lejha nfisha b'fatti bħalma gvernijiet barranin jagħmlu f'Malta għall-kultura lingwistika tagħhom.

L-imsieħbin ta' l-Akkademja tal-Malti għandhom ukoll id-dmirijiet tagħhom kemm lejn il-ħsieb u l-fehma ta' Akkademja u kemm lejn il-membri l-oħra. Jeħtieġ jaħdmu annuna u jfittxu tabilħaqq il-ġid tal-kitba letterarja bil-Malti. Jekk dan kollu ma jagħrfux jaqduh, ibatu huma u tmur minn taħt il-kultura Maltija. Għax jekk Malta bir-raġun kollu tistenna ħwejjeġ xierqa u ta' ġid mill-politiċi tagħha, daqstant ieħor Malta titlob ħsieb safi u xogħol serju minn kull min iwennes l-ilsien Malti bħala għajn ta' ġid pubbliku.

## WERREJ


*EDITORJAL* i

DR. CHARLES BRIFFA
*L-Awto-Ġudizzju* 5

MONS. LAWRENCE CACHIA
*Kliem bil-Malti fi Priedka bit-Taljan* 1
*Insellmu lil...* 22

CARMEL CALLEJA
*Ewnuki* 7
*Is-Sewwa* 7
*Sagrifiċċju* 25

J.J. CAMILLERI
*Epigrammi* 26

OLIVER FRIGGIERI
*Ħajku* 27

P. GALEA CURMI
*Jesu Dulcis Memoria* 4
*Ibqa' int Miegħi* 29

PATRI MIKIEL FSADNI
*Priedka bi Kliem u Siltiet bil-Malti Qadim u Mirqum* 8

DR. MANWEL MIFSUD
Ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* 15

LILIAN SCIBERRAS
*L-Aħħar Għalqa* 30

J. ZAMMIT TABONA
*Għal Ġorġ Pisani* 28